

**Appell ippreżentat fit 28 ta' Diċembru 2016 minn Meissen Keramik GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralni (It-Tieni Awla) fit-18 ta' Ottubru 2016 fil-Kawża T-776/15 – Meissen Keramik GmbH vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

(Kawża C-686/16)

(2017/C 161/07)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Appellanti: Meissen Keramik GmbH (rappreżentanti: M. Vohwinkel u Dr. M. Bagh, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Talbiet

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea, tat-18 ta' Ottubru 2016 fil-Kawża T-776/15;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-28 ta' Ottubru 2015 fil-Każ R 0531/2015-1;
- tannulla d-deċiżjoni tal-EUIPO, tat-13 ta' Jannar 2015;
- tikkundanna lill-EUIPO għal-ispejjeż tal-proċedura fl-istanzi kollha.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja<sup>(1)</sup>, kif ukoll fuq ksur tal-Artikolu 135(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ĝeneralni.

Il-kritika tal-ksur tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ĝeneralni hija bbażata fuq il-fatt li, fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ĝeneralni ma bbażatx ruħha fuq il-fehim tal-element verbali li ġie kkonstatat fid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, iżda applikat il-fehim tagħha stess tal-element verbali u b'dan il-mod biddlet is-suġġett tal-kawża.

Il-kritika rigward l-interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja hija bbażata fuq il-fatt li l-Qorti Ĝeneralni tqis bħala deskrittiva indikazzjoni tal-oriġini ġeografika ta' tip speċifiku ta' prodott, li huwa denominat permezz tal-komponent prinċipali tiegħu (ċeramika ta' Meissen), anki għal tali prodotti li jinkludu kwalunkwe komponent – saħansitra insinjifikatt – magħmul minn dan il-prodott jew li jistgħu jingħaqdu mal-imsemmi tip ta' prodott.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

---

**Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy we Wrocławiu (il-Polonja) fis-17 ta' Jannar 2017 – Skarb Państwa, irrappreżentat minn Wojewoda Dolnośląski vs Gmina Trzebnica**

(Kawża C-19/17)

(2017/C 161/08)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Qorti tar-rinviju

Sąd Okręgowy we Wrocławiu